MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 292/2004

**Avviz Nru. 292/04 GG**

**Chadwick Mushroom Farm Ltd**

**vs**

**Ta' Xbiex Lapins Ltd**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u sitta u sebghin Liri Maltin (LM3,076), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lilha izda minha mhux imhallsa, kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok CM 1.

Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u sitta u sebghin Liri Maltin (LM3,076), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------